MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 1267/1999/1

**ATLAS INSURANCE AGENCY LTD. aġenti f'Malta tas-Soċjeta' estera Guardian Royal Exchange Assurance p.l.c. *proprio* u kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat tagħha Michael Attard Limited**

**vs**

**SEA MALTA COMPANY LIMITED u The Cargo Handling Company Limited**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fl-1 ta' Ġunju, 1999, li bih il-kumpannija attriċi *proprio* u *nomine* ippremettiet:

Illi fit-2 ta' Ġunju 1998 is-soċjeta' Michael Attard Ltd, importat ġewwa Malta fuq il-bastiment M.V. Nicholas A. konsenja ta' vetturi Peugeot liema konsenja ġiet ikkonsenjata lill-assikurat tal-attur bid-danni u nuqqasijiet spjegati fid-Dok. A (survey report);

Illi ai termini tal-polza ta’ Assigurazzjoni bejn l-attur u l-assigurat tiegħu hu kellu jindenizza lill-assigurat tiegħu tad-danni li sofra u b’hekk issa hu ġie surrogat fid-drittijiet tal-istess assigurat;

Illi l-attur jikkwantifika d–danni fil-merkanzija de qua fl-ammont ta’ ħames mija u tmintax-il lira u tmenin ċenteżmu (Lm518.80) li magħhom jiżdied l-ammont ta’ ħamsa u tletin lira (Lm35) bħala survey fee għalhekk danni totali sofferti mill-attur fl-ammont ta’ ħames mija u tlieta u ħamsin lira u tmenin ċenteżmu (Lm553.80);

Illi l-konvenuti jew min minnhom huma responsabbli għal dawn id-danni;

Għalhekk il-kumpannija attriċi talbet lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m’għandhiex:

1. Tiddikjara lill-konvenuti jew min minnhom responsabbli għad-danni u nuqqasijiet fil-merkanzija tal-assigurat tal-attur li għalihom għamel tajjeb l-attur;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta’ Lm553.80;

3. Tikkundanna lill-konvenuti jew minnhom iħallsu lill-attur is-somma ta’ Lm553.80 bħala danni sofferti mill-attur li għalihom huma responsabbli l-konvenuti jew min minnhom;

Bl-ispejjeż u interessi legali mid-data tan-notifika taċ-ċitazzjoni, kontra l-konvenuti li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni;

Rat id-Dikkjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-kumpannija attriċi, flimkien mat-tmien (8) dokumenti mahmużin magħha;

Rat in-Nota mressqa fl-1 ta’ Ottubru, 1999, li biha l-kumpannija mħarrka Sea Malta Company Limited eċċepiet:

Illi fl-ewwel lok, u fi kwalunkwe każ, id-danni reklamati ma jirriżultawx mit-Tally Sheet rilevanti, kopja ta’ liema hi hawn annessa u mmarkata Dokument “B”;

Illi fit-tieni lok il-klawsola tal-esoneru kontenuta fil-polza tal-karigu għat-tenur ta’ liema l-konvenut ma hux responsabbli għad-danni reklamati;

Illi fit-tielet lok it-talba tal-attur hija infondata fil-fatt u fil-liġi u għandha tiġi miċħuda;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-kumpannija mħarrka Sea Malta Company Limited, flimkien maż-żewġ (2) dokumenti mehmużin magħha;

Rat in-Nota mressqa fil-5 ta’ Ottubru, 1999, li biha l-kumpannija mħarrka The Cargo Handling Company Limited eċċepiet:

1. Illi preliminarjament, l-azzjoni attriċi hija preskritta a tenur ta’ l-artikolu 65 ta’ Att Nru. XVII ta’ l-1991;

2. Illi fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju għas-suespost, għandu jiġi ppruvat li n-nuqqasijiet dedotti fiċ-ċitazzjoni attriċi seħħew waqt illi l-merkanzija mertu tal-vertenza odjerna kienet fil-kustodja u taħt il-kontroll assolut u s-supervizjoni tas-soċjeta’ konvenuta u li l-istess merkanzija ġiet ikkonsenjata lis-soċjeta’ konvenuta eżenti mill-istess nuqqasijiet;

3. Illi fit-tielet lok, u mingħajr preġudizzju għall-premess, is-soċjeta’ konvenuta m’hijiex responsabbli għall-ħsarat u n-nuqqasijiet dedotti fiċ-ċitazzjoni attriċi stante li hija qdiet l-obbliġi kollha imposti fuqha mil-liġi;

4. Illi fir-raba’ lok, u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-ammont ta’ danni dedott fiċ-ċitazzjoni attriċi

huwa eċċessiv u għaldaqstant għadu jiġi pruvat kif l-attur wasal għall-ammont;

5. Illi fil-ħames lok, u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-ebda imgħax ma hu dovut stante li s-soċjeta' konvenuta qatt ma ġiet interpellata biex tħallas ebda ammont ta' danni, u li siccome din si tratta ta' kawża ta' danni, il-likwidazzjoni ta' l-ammot dovut tiġi determinata bis-sentenza finali;

6. Illi għaldaqstant, in vista tal-premess, it-talbiet attriċi, il-kwantu diretti kontra s-soċjeta' konvenuta huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u għadhom jiġu rispinti bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' attriċi;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-kumpannija mħarrka The Cargo Handling Company Limited;

Rat id-Degriet tagħha (diversament presjeduta) tas-17 ta' Marzu, 2000[1], li bih ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju tagħha biex tisma' l-provi tal-partijiet;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-kumpannija mħarrka TCH Co Limited;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-Degrieti tagħha tas-27 ta' Novembru, 2003 u tal-4 ta' Marzu, 2004, li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar l-eċċezzjoni preliminari tal-kumpannija mħarrka The Cargo Handling Company Limited;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għad-danni minħabba ħsara mġarrba minn merkanzija li kienet qegħda tinġarr fuq bastiment. Il-

[1] Paġ. 32 tal-proċess

kumpannija attriċi hija aġent f'Malta tal-kumpannija assikuratriċi ta' kumpannija Maltija li ġabet f'Malta għadd ta' karozzi li wħud minnhom ġarrbu ħsara waqt il-vjaġġ tagħhom bil-baħar lejn Malta. Billi l-kumpannija assikuratriċi għamlet tajjeb għall-ħsara mġarrba mill-kumpannija importatriċi, il-kumpannija attriċi qegħda tressaq talba kontra l-kumpanniji mħarrka biex jiġu dikjarati responsabbli għall-ħsara mġarrba mill-assikurat u biex iħallsuha d-danni mġarrba;

Illi għal din l-azzjoni, il-kumpannija mħarrka Sea Malta Company Limited laqgħet billi qalet li l-ħsarat allegati mill-attriċi ma jidhrux fit-*Tally Sheet* u kif ukoll li hija mhix responsabbli minħabba klawsola ta' esoneru fil-polza ta' kariku li kienet tirregola l-vjaġġ in kwestjoni;

Illi l-kumpannija mħarrka The Cargo Handling Company Limited laqgħet għall-azzjoni attriċi billi qalet li l-azzjoni attriċi waqgħet għaliex ma saritx fiż-żmien. Fil-mertu, hija ċaħdet li kienet b'xi mod responsabbli għall-ħsarat reklamati mill-kumpannija attriċi jew li kellha twieġeb għal tali allegazzjoni;

Illi din is-sentenza qegħda tingħata dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-kumpannija mħarrka The Cargo Handling Company Limited dwar jekk l-azzjoni nbdietx fi żmien tajjeb;

Illi l-eċċezzjoni taħt eżami hija msejsa fuq dak li jgħid l-artikolu 65 tal-Att XVII tal-1991[2], u jiġifieri li, minkejja dak li tista' tgħid kull liġi oħra, l-ebda azzjoni ma tista' tinbeda kontra l-Awtorita' Marittima ta' Malta jew xi kuntrattur tagħha dwar responsabbilta jew dwar xi telf jew ħsara li ġġarrab persuna, oġġett, vettura, bastiment jew ħaġ'oħra abbord xi bastiment, jekk kemm-il darba (a) ma ssirx talba bil-miktub lill-Awtorita' jew lill-kuntrattur tagħha bil-partikolaritajiet meħtieġa fi żmien sitt (6) xhur minn dak inhar li l-oġġetti kienu ġew aċettati mill-Awtorita' jew mill-kuntrattur tagħha; (b) jekk ikunu għaddew tnax-il (12)

[2] Kap 352 tal-Liġijiet ta' Malta

xahar minn dak inhar li l-oġġetti jkunu ġew aċċettati mill-Awtorita’ jew kuntrattur tagħha kif fuq ingħad;

Illi l-kumpannija mħarrka eċċipjenti taċċetta li kienet saret talba bil-miktub fiż-żmien imsemmi fil-paragrafu (a) tal-imsemmi artikolu, imma tgħid li ma ġiex imħares il-paragrafu (b) għaliex il-kawża ma tressqitx fi żmien tnax-il xahar minn mindu l-karozzi tniżżlu minn abbord u ngħataw fil-kustodja tagħha;

Illi l-kumpannija mħarrka eċċipjenti tgħodd lilha nnifisha bħala kuntrattur tal-Awtorita’ għall-ħidma li hija twettaq għar-rigward ta’ żamma u rilaxx ta’ merkanzija li tiddaħħal fil-portijiet ta’ Malta. Il-liġi tfisser “kuntrattur”[3] bħala persuna li taġixxi bis-saħħa ta’ ftehim li tagħmel mal-Awtorita’ skond l-artikolu 8(3) tal-Att. Għalkemm il-kumpannija eċċipjenti ma ressqet l-ebda prova biex turi li hija fil-fatt tikkwalifika bħala aġent tal-Awtorita’ kif fuq ingħad, il-kumpannija attriċi ma meriet bl-ebda mod din id-dikjarazzjoni tal-kumpannija mħarrka eċċipjenti;

Illi jidher li ż-żmien imsemmi fl-artikolu 65 tal-Kap 352 huwa wieħed legali u perentorju, u għalhekk ma jistax jiġi mtawwal, imġedded[4] jew imwaqqaf b’att ġudizzjarju li s-soltu jkun tajjeb biex iwaqqaf iż-żmien milli jgħaddi kontra l-kreditur. Jiżdied jingħad li, bħala terminu legali jew ġudizzjarju, iż-żmien imsemmi fl-artikolu 65 ma jistax jinbidel mill-Qorti bħalma jista’ jsir fil-każ ta’ terminu ġudizzjali[5];

Illi mill-provi mressqin fl-atti tal-kawża jirriżulta li l-merkanzija li tifforma l-mertu tal-azzjoni attriċi waslet f’Malta fil-bidu ta’ Ġunju, 1998, abbord il-bastiment *M.v. Nicholas A*. Għalkemm l-Att taċ-Ċitazzjoni jsemmi d-data tat-2 ta’ Ġunju, 1998, bħala d-data tal-wasla f’Malta tal-imsemmi bastiment, tressqet prova dokumentali li l-bastiment fil-fatt daħal f’Malta fl-1 ta’ Ġunju, 1998[6]. Il-vetturi nħelsu minn idejn il-kumpannija mħarrka eċċipjenti

[3] Art. 2 tal-Kap 352
[4] Art. 106 tal-Kap 12
[5] App. Kumm. **6.7.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Tabone noe vs Mousu’ pro et noe*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.244)**
[6] Dokti “F” u G”, f’paġġ. 11-2 u Dok “B”, f’paġ. 23 tal-proċess

u għaddew f'idejn l-importatur assikurat fit-2 ta' Ġunju, 1998. Il-kawża tressqet fl-1 ta' Ġunju, 1999;

Illi l-kumpannija mħarrka eċċipjenti tgħid li l-kawża nbdiet jum tard, jiġifieri jum wara li kien għalaq iż-żmien għall-kumpannija attriċi li fih setgħet tiftaħ il-kawża. L-abbli difensur tal-kumpannija attriċi jinsisti li l-azzjoni nbdiet fiż-żmien, għaliex huwa jgħid li t-terminu beda għaddej mill-għada li l-vetturi tniżżlu minn abbord. Ladarba ż-żmien li jħoll u jorbot sa meta kellha żmien il-kumpannija attriċi biex tressaq l-azzjoni tagħha huwa wieħed legali, it-tweġiba għall-kwestjoni trid tingħata fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-artikolu 102 tal-Kapitolu 12. Huwa ċar, mill-kliem tal-imsemmi artikolu, li meta żmien legali jibda jgħodd minn ġurnata stabilita, dik il-ġurnata ma tingħaddx bħala mdaħħla f'dak iż-żmien;

Illi jekk allura kellha tiġi applikata sewwa l-imsemmija dispożizzjoni għall-fatti li seħħew f'dan il-każ, għandu jiġri li l-jum li fih il-vetturi tniżżlu minn abbord – jiġifieri l-1 ta' Ġunju, 1998 – u għaddew fil-kustodja tal-kumpannija mħarrka eċċipjenti ma jistax jitqies fil-kejl taż-żmien tat-tnax-il xahar preskritti għall-azzjoni attriċi. Dak iż-żmien, kif sewwa ħie sottomess f'isem il-kumpannija attriċi, irid jingħadd b'effett mit-2 ta' Ġunju, 1998;

Illi ntwera li l-kawża tressqet fl-1 ta'Ġunju, 1999, u għalhekk ma kinux għaddew it-tnax-il xahar li fuqhom il-kumpannija mħarrka eċċipjenti ssejjes l-eċċezzjoni tagħha;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni** tal-kumpannija mħarrka The Cargo Handling Company Limited, bl-ispejjeż kontriha, u dan billi l-azzjoni attriċi nbdiet f'waqtha u ma kienx għalaq iż-żmien biex l-istess azzjoni setgħet titressaq; u

**Tordna** li s-smigħ tal-kawża jitkompla bit-trattazzjoni fil-mertu.

**Moqrija**

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------